MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Numru 836/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**RONALD CUTAJAR**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ronald Cutajar ta' 29 sena bin John u Mary nee' Carabott, imwieled Pieta' fis-6 ta' Awissu 1978, residenti f' 'St Anthony', Triq Wied il-Ghajn, Zabbar, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 365378(M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi granet fix-xahar ta' Marzu 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li

gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-dannu ta' V&C Contractors Ltd tal-Mosta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'April 2006 u fl-erba' xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu

ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G. N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll talli nhar is-Sibt 8 ta' April 2006, fil-vicinanzi ta' l-ajruport l-antik fl-inhawi ta' Hal-Luqa, ikkommetta serq ta' diesel ghad-dannu ta' V&C Contractors Ltd tal-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;
U b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata zewg sentenzi fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta' Frar 2004 u 29 ta' Marzu 2006 rispettivament;
U aktar talli b'hekk sar ricediv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 15 ta' Gunju 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali a tenur tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta markata bhala Dok AG3.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza, dawn l-akkuzi inghataw bhala akkuzi alternattivi ghas-sitt akkuza u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza, tielet akkuza, raba' akkuza u hames akkuza.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara ukoll li stante li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjes a tenur tal- Artikolu 533 tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni li f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 189, 261(d) u (g), 268, 271(g), 281(b), 31, 49 u 50 tal-Kap. 9, id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ewwel Skeda tal-istess Kap. u r-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ronald Cutajr, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imputat Ronald

Cutajar ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba’ akkuza u l-hames akkuza, il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-akkuzi u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza, tielet akkuza, raba’ akkuza u hames akkuza stante li dawn l-akkuzi inghataw bhala akkuzi alternattivi ghas-sitt akkuza.

Inoltre il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni li f’kaz ta’ htija il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Il-Qorti tirrakommanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li jara li l-imsemmi Ronald Cutajar jinghata l-assistenza kollha necessarja sabiex jehles mill-vizzju tad-droga u ghaldaqstant tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi trasmessa lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------